



Brussell, 5 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

11279/25

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2025/0144(NLE)

---

IXIM 153  
JAI 1029  
ENFOPOL 252  
CRIMORG 127  
JAIEX 71  
AVIATION 91  
DATAPROTECT 147  
N 54

#### ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar it-trasferiment ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja

---

## **DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...**

**ta' ...**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni,  
tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea  
u r-Renju tan-Norveġja**

**dwar it-trasferiment ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR)  
għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni  
ta' reati terroristiċi u kriminalità serja**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 16(2) u l-Artikolu 87(2), il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-4 ta' Marzu 2024, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mar-Renju tan-Norveġja ("in-Norveġja") għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja dwar it-trasferiment ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR, Passenger Name Record) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja ("il-Ftehim"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fid-9 ta' April 2025.
- (2) Il-Ftehim jipprevedi għat-trasferiment tad-data tal-PNR mit-transportaturi tal-ajru mill-Unjoni għan-Norveġja b'rispett sħiħ tad-drittijiet previsti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, partikolarment id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, rikonoxxut fl-Artikoli 7 u 8, b'mod rispettiv, tagħha. B'mod partikolari, il-Ftehim jinkludi salvagwardji xierqa għall-protezzjoni ta' data personali trasferita skont dan.
- (3) Il-Ftehim irawwem il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet kompetenti tan-Norveġja u dawk tal-Istati Membri kif ukoll il-Europol u l-Eurojust, bl-ġhan li jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom li jsaħħu l-fruntieri esterni tal-Unjoni u tan-Norveġja, kif ukoll jiżguraw b'mod effettiv is-sigurtà interna fin-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni fiż-żona Schengen.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispażju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Irlanda nnotifikat b'ittra tad-29 ta' Lulju 2025, ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

- (5) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,
- (6) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> u ta l-Opinjoni tiegħi 16/2025 fl-24 ta' Lulju 2025<sup>2</sup>.
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fizċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

<sup>2</sup> ĠU C, ..., ELI: ...

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar it-trasferiment ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.<sup>3</sup>

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>3</sup> It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni tal-konklużjoni tiegħu.